# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar It-Tnejn 10 ta' April 2017**

**Rikors Numru: 55/2017 JPG**

**Kawza Numru: 1F**

**Helen Sophia (ID 295671M)**

**VS**

**Brian Sophia (ID 88069M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Brian Sophia (ID 88069M), datat 6 ta' Marzu 2017, li jaqra hekk:

*Illi fid-9 ta' Dicembru 2016 is-sekwestranti Helen Sophia talbet u ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv odjern kontra r-rikorrenti sekwestrat Brian Sophia.*

*Illi fost is-sekwestratarji hemm ukoll is-socjeta J.F. Services Ltd.*

*Illi l-esponenti huwa impjegat ma' l-imsemmija socjeta' J.F. Services Ltd. u ghandu salarju ta' circa €920.24 (Basic pay) kif jirrizulta mil-"payslip" hawn annessa (Dok. A).*

*Illi fil-fatt dan is-salarju jikkostitwixxi l-uniku dhul tal-esponenti.*

*Illi bis-socjeta J.F. Services Ltd. bhala wahda mis-sekwestratarji, is-salarju ta' l-esponenti gie kolpit mis-sekwestru hawn fuq imsemmi bil-konsegwenza illi l–esponenti qed ibati minn pregudizzju kbir u ghaddej minn diffikultajiet finanzjarji.*

*Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:-*

***382. (1) Fil-każ ta' salarju, paga, benefiċċju, pensjoni jew allowance imsemmija fl-artikoli 381(1)(a) u (b), ħlief għal kull benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta'sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:***

***Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat:***

***Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta.***

***(2) Il-qorti tista' f'kull żmien, tibdel l-ordni mogħtija taħt is-subartikolu (1) fuq talba b'rikors tal-kreditur jew tad-debitur jekk ikun hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi materjali tad-debitur.***

*Illi tajjeb li jinghad hawnhekk illi minn dan l-istess salarju diga' kienet u ghadha titnaqqas permezz tas-sistema ta' "direct debit" is-somma ta' €250 kull erba' gimghat bhala manteniment versu ibnu Zach Sophia (Dok. B), dwar liema manteniment l-esponenti qed jirriserva d-drittijiet kollha spettanti lilu skond il-ligi*

*anke peress illi dan ghalaq it-18 il-sena u ma ghadux jistudja fuq bazi full time, pero' sa issa din hija is-sitwazzjoni.*

*Illi di piu' l-istess esponenti ghandu ukoll kera ta' €400 fix-xahar u mitt ewro akkont tal-kontijiet tad-dawl u ilma kif jirrizulta mill-anness ftehim ta' kera datat 16 ta' April 2012 kif sussegwentement imgedded (Dok. C).*

*Illi l-bilanc li jibqa' wara li jithallsu dawn l-ammonti mis-salarju huwa wiehed mizeru biex wiehed jghajjex lilu inniffsu.*

*Intant jinghad illi sal-lum l-istess imsemmija Helen Sophia ghadha tghix fl-appartement li tieghu il-klijent tieghi huwa ko-propjetarju fis-sehem ta' nofs indiviz.*

*Illi ghalkemm l-esponenti ipprova ifittex kemm il-darba (anke wara li inhareg l-istess mandat odjern) li jiftiehem ma' l-imsemmija Helen Sophia dwar il-bejgh tal-propjeta' imsemmija u hekk ikunu jistghu jigu likwidati darba ghal dejjem il-pretensjonijiet ta' bejn il-partijiet hi kontinwament baqghet taghmel bsaten fir-roti sabiex dan il-bejgh ma jsehhx.*

*Anzi minflok l-istess Helen Sophia ghazlet li tohrog il-mandat odjern sabiex tittenta tkompli issallab lill-istess esponenti meta kif inghad l-appartament fejn ghadha tabita hija stess huwa nofsu tal-istess esponenti.*

*Illi minn dak li intqal aktar il-fuq, jirrizulta illi l-esponenti ghandu bzonn ukoll ta' dik il-parti mis-salarju li teccedi din is-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€ 698.81).*

*<u>Illi fir-realta' minn meta inhareg dan is-sekwestru l-paga intiera kollha tieghu giet sekwestrata, u lanqas biss thalliet lilu is-somma ta' €698.81 kif provdut fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fuq citat.</u>*

*Illi hemm lok illi dina l-Onorabbli Qorti jogghboha thassar il-mandat odjern in kwantu dan jolqot is-salarju.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrevoka u thassar il-mandat odjern in kwantu jolqot is-salarju mahrug lill-intimat mis-socjeta J.F. Services Limited u dana dejjem taht dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimata Helen Sophia u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat is-sentenza moghtija fis-27 ta' Frar 2015 mill-Qorti tal-Appell;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Helen Sophia** xehdet illi iben il-partijiet qieghed isegwi zewg korsijiet tal-istudju *part-time* gewwa l-Olanda. Dawn iz-zewg korsijiet flimkien jammontaw ghal hamsa u tletin siegha ta' studju, ftit anqas minn studju full-time. Il-Qorti tal-Familja iddeciedet illi

galadarba dawn il-korsijiet m'humiex *full-time* l-intimat ma kienx aktar obbligat ihallas manteniment ghal ibnu. In vista ta dan hi kellha tiehu *loan* mill-bank biex tkun tista' taghmilha possibbli ghal binha biex ikompli jistudja barra. Xehdet ukoll illi filfatt l-ahhar pagament ta' manteniment illi ghamel l-intimat kien fil-15 ta' Dicembru 2016. Xhed ukoll illi ghalkemm ma kienx accettabbli illi jmur ghand Helen Sophia fid-dar matrimonjali meta jkun hemm kompraturi potenzjali, minhabba l-passat taghhom, hija ma kellha l-ebda oggezzjoni illi tattendi oht Brian Sophia.

**Brian Sophia** xehed illi r-rikorrent dejjem toggezzjona meta jkun irid imur id-dar matrimonjali ghaliex ikun sab lil xi hadd interessat li jmur jara d-dar biex potenzjalment jixtriha. Mistoqsi jekk ibnu jinsabx imsiefer fuq vaganza jew fit-tul qal illi ma jafx iwiegeb. Mistoqsi imbaghad jekk jikkonfermax illi l-Qorti kienet cahdet it-talba tar-rikorrenti ghall-manteniment ghaliex binhom kien qed isegwi zewg korsijiet *part-time* u mhux *full-time,* wiegeb illi hu b'kors wiehed biss jaf. Ikkonferma li waqaf ihallas il-manteniment f'Dicembru 2016, u xehed illi "***jekk niddeciedi li nghati xi haga lit-tifel, tkun b'buona volonta tieghi.***" Mistoqsi ghalfejn kien ghadu ma hallasx is-somma dovuta ir-rikorrenti skont is-sentenza tal-Qorti tal-Familja, wiegeb illi dan m'ghamlux ghaliex l-ewwel irid li tinbiegh id-dar matrimonjali.

**Ikkonsidrat;**

**M'hemm dubbju ta' xejn illi dan il-mandat ta' sekwestru ma jghoddx ghall-ewwel somma ta' €698.81 liema somma hija mahsuba mil-Legislatur Malti li tkun sufficjenti ghall-ghejxien tal-individwu.**

In fatti fil-verbal tat-21 ta' Marzu 2017 l-avukat difensur tal-kontro parti ma kellu ebda kontestazzjoni fuq dan l-ammont garantit (vide fol 13).

Ir-rikorrent qiegħed ifittex, permezz ta‘ dan ir-rikors revoka, illi l-Qorti tapplika il-provizo tal-Artikolu 382 (1) biex thassar il-mandat ta’ sekwestru in kwistjoni, **kwantu ghall-eccess ta’ €698.81**, il-ghaliex Brian Sophia (id-debitur) huwa ghandu bzonn dak l-eccess jew parti minnu ghal manteniment tieghu.

Mix-xhieda tar-rikorrenti stess jirrizulta ***ex admissis*** illi is-somma ta’ **€250 kull erba’ gimgha m’ghadiex tithallas Brian Sophia u dan b’effett minn Dicembru tal-2016.** Huwa stess qal illi jekk jiddeciedi li jghati xi haga lil ibnu, li qieghed jistudja barra minn Malta grazzi ghall-self li hadet ommu, **dan ikun “*b’buona volonta*” tieghu**. Ghalhekk jirrizulta illi ma giex provat a sodisfazzjoni tal-Qorti illi r-rikorrenti ghandu bzonn l-eccess jew parti minnu ghall-manteniment tal-familja tieghu, ossia ibnu, peress illi hu stess qal, *ex admissis,* **ilu li waqaf jivversa pagamenti ta‘ manteniment ghal ibnu minn Dicembru 2016**, u jirrizulta illi huwa m’ghadux taht obligazzjoni legali illi jhallas manteniment lil ibnu.

Ghalhekk il-Qorti issa trid tara jekk ir-rikorrent gabx prova a sodisfazzjon tal-Qorti li huwa ghandu bzonn l-eccess jew parti minnu tas-somma stabbilita fl-Artikolu 382 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Il-Qorti rat illi ghajr kopja ta‘ *pay slip* u kopja tal-ftehim ta‘ kera tieghu, ir-rikorrenti ma gab l-ebda prova ohra rigward il-mezzi tieghu. Hekk per ezempju ma pprezentax kopja tal-FS3 sabiex il-Qorti tkun accertata illi x-xoghol tieghu ma‘ JF Services **Ltd jirraprezenta l-unika introjtu tieghu**. Ma pprezentax ukoll **l-ebda kopja ta‘ rendikont bankarji** biex il-Qorti tkun f’posizzjoni li taccerta ruhha illi r-rikorrenti jiddependi esklussivament fuq il-paga mensili tieghu.

Barra minn hekk il-Qorti tirrileva illi sa‘ Dicembru 2016 ir-rikorrenti kien f’posizzjoni li jiversa pagament mensili ta‘ €250 bhala manteniment ghal ibnu, u jibqalu‘ l-bqija biex ikun jista‘ jghix. **Permezz ta‘ dan il-mandat, ir-rikorrenti ser jonqoslu mill-paga is-somma ta‘ €280.83, u ghalhekk is-sitwazzjoni tieghu m’hijiex ser tkun daqshekk differenti milli kienet ghal dawn is-snin kollha, minn meta kien gie ordnat li jhallas manteniment ghal ibnu, fiz-zmien ta‘ liema hu stess kien dahal fil-ftehim ta‘ kera li**

**ghadu vigenti illum, u li ghalhekk jsewqi li deherlu li seta jhallas, u jibqaghlu biex jghix, minkejja manteniment li kien jhallas lil ibnu.**

Il-Qorti terggha tirriafferma illi dan il-mandat ta’ sekwestru ma jghoddx ghall-ewwel somma ta’ €698.81 liema somma hija mahsuba mil-Legislatur Malti li tkun sufficjenti ghall-ghejxien tal-individwu. Illi huwa biss ghall-eccess tas-somma stipulata ghall-ghexien tac-cittadin illi din il-Qorti, qed tichad it-talba tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi fis-sens kif fuq indikat, il-Qorti taqta‘ u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**